

Brussell, 22 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14152/25

AGRI 501
AGRIORG 119

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna - <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tas-27 u t-28 ta' Ottubru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' sfond dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

Il-Viċi Prim Ministru għall-Integrazzjoni Ewropea u Ewro-Atlantika u r-Rappreżentant għall-Kummerċ tal-Ukrajna, is-Sur Taras Kachka, huwa mistenni jipparteċipa fl-introduzzjoni tad-diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna, fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2025. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tixtieq tiffoka d-diskussjoni fuq l-opportunitajiet u l-isfidi relatati mal-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-swieq agrikoli tal-UE. Il-kummerċ fi prodotti agrikoli huwa sors vitali ta' introjtu għall-ekonomija tal-Ukrajna fid-dawl tal-attakki brutali kontinwi tar-Russja.

Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-miżuri kummerċjali awtonomi tal-UE għall-importazzjonijiet mill-Ukrajna skadew. Il-Kummissjoni kkonkludiet ir-rieżami taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) bejn l-UE u l-Ukrajna fit-30 ta' Ġunju 2025 u ppreżentat proposta lill-Kunsill għall-approvazzjoni fit-28 ta' Lulju 2025. Il-ftehim mistenni li jiġi approvat u jidħol fis-seħħ qabel l-aħħar ta' Ottubru 2025.

Fil-ftehim aġġornat, l-ġhoti ta' aċċess għas-suq għall-Ukrajna joħloq bilanċ bejn l-appoġġ għall-kummerċ tal-Ukrajna mal-UE u l-kunsiderazzjoni tas-sensittivitajiet ta' ċerti setturi agrikoli tal-UE. L-aċċess għas-suq innegozjat ivarja, b'żieda limitata fl-aċċess għas-suq għal ċerti oġġetti sensittivi meta mqabbel mad-DCFTA oriġinali u liberalizzazzjoni sħiħa għal oħrajn mhux sensittivi. L-esportaturi tal-UE ser jibbenefikaw ukoll minn tariffi aktar baxxi jew liberalizzazzjoni sħiħa għal għadd ta' prodotti apparti ż-żieda fil-volumi tal-kwoti b'tariffi preferenzjali. Barra minn hekk, l-aċċess għas-suq jiddependi fuq l-allinjament regolatorju tal-Ukrajna mal-istandards tal-produzzjoni rilevanti tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali, l-użu tal-pestiċidi u l-mediċini veterinarji sal-31 ta' Diċembru 2028.

Finalment, il-ftehim jinkludi klawżola ta' salvagwardja robusta li biha ż-żewġ naħat ser ikollhom il-possibbiltà jattivaw mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri xierqa f'sitwazzjonijiet fejn l-importazzjonijiet jistgħu jikkawżaw effetti negattivi lil kwalunkwe waħda mill-partijiet. Fil-każ tal-UE, il-valutazzjoni ta' tfixkil possibbli tista' ssir fil-livell ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew ta' reġjun.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tipproponi l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *L-UE kif tista' tiżgura l-allinjament tal-Ukrajna mal-istandards rilevanti tal-produzzjoni tal-UE sa tmiem l-2028, u tassisti lill-Ukrajna fil-proċess?*
 2. *F'liema oqsma jistgħu l-kooperazzjoni u l-kummerċ imtejba bejn l-UE u l-Ukrajna jipproduċu eżiti ta' benefiċċju reċiproku, eż. fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel?*
 3. *X'inhuma l-kwistjonijiet ewlenin li bħalissa qed jaffettwaw is-swieq agrikoli fl-Istat Membru tiegħek?*
-